

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1342****tas-27 ta' Meju 2021**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-pajjiżi terzi u mill-awtoritajiet ta' kontroll u mill-korpi ta' kontroll għall-finijiet tas-superviżjoni tar-rikonoxximent tagħhom skont l-Artikolu 33(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 għall-prodotti organiċi importati u l-miżuri li għandhom jittieħdu fl-eżerċizzju ta' dik is-superviżjoni**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Meju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 48(4) u 57(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 48(1) tar-Regolament (UE) 2018/848, ir-rikonoxximent ta' pajjiżi terzi għall-finijiet tal-ekwivalenza skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 <sup>(2)</sup> għall-importazzjonijiet tal-prodotti organiċi fl-Unjoni se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2026.
- (2) Skont l-Artikolu 57(1) tar-Regolament (UE) 2018/848, ir-rikonoxximent ta' awtoritajiet ta' kontroll u ta' korpi ta' kontroll għall-finijiet tal-ekwivalenza skont l-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 għall-importazzjonijiet tal-prodotti organiċi fl-Unjoni se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2024.
- (3) Meta jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni sa tmiehem dawk il-perjodi tranżitorji, il-prodotti organiċi importati fl-Unjoni skont dawk l-iskemi ta' importazzjoni iridu jiġu prodotti f'konformità mar-regoli ta' produzzjoni u soġġetti għall-arranġamenti ta' kontroll li huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007 kif ukoll mar-regoli ta' implimentazzjoni assoċjati miegħu stabbiliti fir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 <sup>(3)</sup> u (KE) Nru 1235/2008 <sup>(4)</sup>.
- (4) Għalhekk, fl-istadij kollha tal-produzzjoni, tal-preparazzjoni u tad-distribuzzjoni f'pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-operaturi jkomplu jissottomettu l-attivitajiet tagħhom jew lil sistema ta' kontroll ta' pajjiżi terzi rikonoxxut għall-finijiet tal-ekwivalenza kif imsemmi fl-Artikolu 48(1) tar-Regolament (UE) 2018/848, jew inkella lil awtorità ta' kontroll jew lil korp ta' kontroll kif imsemmi fl-Artikolu 57(1) ta' dan ir-Regolament.
- (5) Sabiex tiġi żgurata s-superviżjoni xierqa ta' dawn il-pajjiżi terzi jew tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll ikkonċernati, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar il-proċeduri għall-eżami mill-ġdid regolari tar-rikonoxximent tagħhom matul il-perjodi tranżitorji. Għal dik il-fini, jenħtieġ li dan ir-Regolament jispeċifika, b'mod partikolari, l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-pajjiżi terzi jew mill-awtoritajiet ta' kontroll u mill-korpi ta' kontroll lill-Kummissjoni għall-eżerċizzju ta' dik is-superviżjoni, inkluż permezz ta' eżami fuq il-post. Barra minn hekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni fl-eżerċizzju ta' dik is-superviżjoni, inkluż is-sospensjoni jew il-ħruġ tal-pajjiżi terzi rikonoxxuti jew tal-awtoritajiet ta' kontroll u ta' korpi ta' kontroll mil-listi stabbiliti skont l-Artikoli 48(3) u 57(2) tar-Regolament (UE) 2018/848.

<sup>(1)</sup> ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 tal-5 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku (ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 25).

- (6) Fl-interess taċ-ċarezza u taċ-ċertezza tad-dritt, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848 sal-iskadenza tar-rikonoxximent tal-pajjiżi terzi jew tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

### Superviżjoni tal-pajjiżi terzi

1. Ir-rapport annwali li għandu jintbagħat lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 48(2) tar-Regolament (UE) 2018/848, sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, minn pajjiżi terzi imsemmi fl-Artikolu 48(1) tar-Regolament u inkluż fil-lista stabbilita permezz ta' Regolament ta' Implimentazzjoni li jrid jiġi adottat skont l-Artikolu 48(3) tar-Regolament (UE) 2018/848 ("pajjiżi terzi") għandu jinkludi:

- (a) informazzjoni dwar l-iżvilupp tal-produzzjoni organika fil-pajjiżi terzi, inklużi l-prodotti li jiġu prodotti, iż-żona tal-kultivazzjoni, ir-reġjuni tal-produzzjoni, l-għadd tal-produtturi u l-attivitajiet tal-ipproċessar tal-ikel;
- (b) informazzjoni dwar in-natura tal-prodotti agrikoli organiċi u dwar l-oġġetti tal-ikel esportati lejn l-Unjoni;
- (c) deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' superviżjoni li twettqu mill-awtorità kompetenti tal-pajjiżi terzi fis-sena ta' qabel, ir-riżultati miksuba u l-miżuri korrettivi li ttieħdu;
- (d) kwalunkwe aġġornament dwar l-istandards tal-produzzjoni applikati fil-pajjiżi terzi u vvalutati bħala ekwivalenti għar-regoli tal-produzzjoni imsemmija fit-Titoli III u IV tar-Regolament (KE) Nru 834/2007;
- (e) kwalunkwe aġġornament dwar il-miżuri ta' kontroll applikati fil-pajjiżi terzi, ivvalutati li għandhom effettività ekwivalenti għal dawk imsemmija fit-Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, u l-konferma li tali miżuri ta' kontroll ġew applikati b'mod permanenti u effettivi;
- (f) kwalunkwe aġġornament ieħor dwar id-dossier tekniku tal-pajjiżi terzi;
- (g) is-sit web tal-Internet jew indirizz ieħor ta' fejn tista' ssib il-lista aġġornata tal-operaturi soġġetti għas-sistema ta' kontroll, kif ukoll il-punt ta' kuntatt ta' fejn hija disponibbli faċilment l-informazzjoni dwar l-istat ta' ċertifikazzjoni tagħhom u dwar il-kategoriji tal-prodotti kkonċernati;
- (h) kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa rilevanti mill-pajjiżi terzi.

2. Il-pajjiżi terzi għandu jinnotifika lill-Kummissjoni mingħajr dewmien, permezz tal-pjattaforma elettronika Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Biedja Organika (OFIS), bi kwalunkwe tibdil li jkun sar lill-miżuri fis-seħħ f'dak il-pajjiżi terzi jew fl-implimentazzjoni tagħhom, u b'mod partikolari fis-sistema ta' kontroll tiegħu.

3. Il-pajjiżi terzi għandu jinnotifika lill-Kummissjoni mingħajr dewmien, permezz tal-OFIS, bi kwalunkwe tibdil li jsir lid-data amministrattiva inkluża fil-lista stabbilita bir-Regolament ta' Implimentazzjoni li jrid jiġi adottat skont l-Artikolu 48(3) tar-Regolament (UE) 2018/848.

4. Il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe ħin titlob kwalunkwe informazzjoni addizzjonali mill-pajjiżi terzi, inkluż is-sottomissjoni ta' rapport ta' eżami wieħed jew aktar fuq il-post stabbilit minn esperti indipendenti.

5. Abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt jew fil-każ ta' suspett ta' xi nuqqas ta' konformità, il-Kummissjoni tista' torganizza eżami fuq il-post minn esperti fil-pajjiżi terzi nominat mill-Kummissjoni.

6. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-pajjiżi terzi meta tirċievi notifika minn Stat Membru li jinfurmaha b'suspett sostanzjat ta' irregolarità jew ksur, fir-rigward tal-konformità tal-prodotti organiċi importati, mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007 u mal-istandards tal-produzzjoni u mal-miżuri ta' kontroll aċċettati bħala ekwivalenti abbażi tal-valutazzjoni li saret. Dik l-awtorità kompetenti għandha tinvestiga l-oriġini tal-irregolarità jew tal-ksur suspettati u għandha, fi żmien 30 jum kalendarju min-notifika tal-Kummissjoni, tinforma lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru kkonċernat bir-riżultat tal-investigazzjoni u tal-azzjoni li tkun ittieħdet.

## Artikolu 2

**Superviżjoni tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll**

1. Abbażi tar-rapporti annwali u fid-dawl ta' kwalunkwe informazzjoni oħra li tirċievi, il-Kummissjoni għandha tiżgura superviżjoni xierqa tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll imsemmija fl-Artikolu 57(1) tar-Regolament (UE) 2018/848 u inklużi fil-lista, stabbilita bir-Regolament ta' Implimentazzjoni, li trid tiġi adottata skont l-Artikolu 57(2) tar-Regolament (UE) 2018/848 ("awtoritajiet ta' kontroll u korpi ta' kontroll") billi tirrevedi regolarment ir-rikonoxximent tagħhom. Għal din il-fini, il-Kummissjoni tista' titlob l-assistenza tal-Istati Membri. In-natura tas-superviżjoni tal-awtoritajiet ta' kontroll jew tal-korpi ta' kontroll għandha tiġi ddeterminata abbażi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-volum tal-prodotti ċċertifikati u tal-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni kif ukoll ir-riżultati tal-evalwazzjoni regolari fuq il-post, is-sorveljanza u r-rivalutazzjoni multiannwali tal-attivitajiet tagħhom minn korp ta' akkreditazzjoni jew, kif xieraq, minn awtorità kompetenti.

2. Sat-28 ta' Frar ta' kull sena, l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll għandhom jibagħtu rapport annwali lill-Kummissjoni. Ir-rapport annwali għandu jaġġorna l-informazzjoni tad-dossier tekniku inkluża fl-applikazzjoni inizjali għar-rikonoxximent, kif immodifikata l-aħħar. Għandu jinkludi mill-inqas:

- (a) ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet tal-awtorità ta' kontroll jew tal-korp ta' kontroll fil-pajjiż terz jew fil-pajjiżi terzi li għalihom ikun ġie rikonoxxut, inkluż l-għadd ta' operaturi u l-gruppi ta' operaturi involuti kif ukoll in-natura tal-prodotti agricoli u tal-oġġetti tal-ikel, imqassma skont il-kategoriji u miġbura skont il-kodiċijiet tariffarji;
- (b) kwalunkwe aġġornament dwar l-istandards ta' produzzjoni applikati fil-pajjiż terz jew fil-pajjiżi terzi li għalihom l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll ikun ġie rikonoxxut, inkluż il-valutazzjoni tal-ekwivalenza ta' dawk l-istandards għar-regoli ta' produzzjoni msemmija fit-Titoli III u IV tar-Regolament (KE) Nru 834/2007;
- (c) kwalunkwe aġġornament dwar il-miżuri ta' kontroll applikati fil-pajjiż terz jew fil-pajjiżi terzi li għalihom l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll ikun ġie rikonoxxut, inkluż il-valutazzjoni tal-ekwivalenza għal dawk imsemmija fit-Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, u konferma li dawn il-miżuri ta' kontroll ikunu ġew applikati b'mod permanenti u effettiv;
- (d) deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' kontroll imwettqa mill-awtorità ta' kontroll jew mill-korp ta' kontroll fis-sena ta' qabel fil-pajjiż terz jew fil-pajjiżi terzi li għalihom ikun ġie rikonoxxut, ir-riżultati miksuba, l-irregolaritajiet u l-ksur osservati u l-miżuri korrettivi li ttieħdu;
- (e) kwalunkwe aġġornament ieħor dwar l-informazzjoni tad-dossier tekniku li kienet intbagħtet mal-applikazzjoni inizjali għar-rikonoxximent u l-aġġornamenti l-oħra tiegħu;
- (f) kopja tal-aħħar rapport ta' valutazzjoni maħruġ mill-korp ta' akkreditazzjoni jew, fejn xieraq, minn awtorità kompetenti, li għandha tinkludi r-riżultati tal-evalwazzjoni regolari fuq il-post, tas-sorveljanza u r-rivalutazzjoni multiannwali tal-attivitajiet tal-awtorità ta' kontroll u tal-korp ta' kontroll fil-pajjiż terz jew fil-pajjiżi terzi li għalihom ikun ġie rikonoxxut. Dak ir-rapport ta' valutazzjoni għandu jikkonferma li l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll ġie vvalutat b'mod sodisfaċenti fuq il-ħila tiegħu li jissodisfa l-kundizzjonijiet applikabbli għar-rikonoxximent tiegħu mill-Kummissjoni u li jkun implimenta b'mod effettiv l-attivitajiet tiegħu skont dawk il-kundizzjonijiet. Barra minn hekk, ir-rapport ta' valutazzjoni għandu juri u jikkonferma l-ekwivalenza tal-istandards ta' produzzjoni u l-miżuri ta' kontroll imsemmija fil-punti (b) u (c);
- (g) is-sit web tal-Internet fejn tista' ssib il-lista tal-operaturi soġġetti għas-sistema ta' kontroll f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni, kif ukoll il-punt ta' kuntatt fejn hija disponibbli l-informazzjoni dwar l-istat ta' ċertifikazzjoni tagħhom, il-kategoriji tal-prodotti kkonċernati, kif ukoll l-operaturi u l-prodotti sospiżi jew dawk li kellhom iċ-ċertifikat revokat;
- (h) kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa rilevanti mill-awtorità ta' kontroll jew mill-korp ta' kontroll

Ir-rapport annwali u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali mitluba mill-Kummissjoni dwar ir-rapport annwali għandhom jiġu pprovduti permezz tal-OFIS.

3. Il-Kummissjoni tista' titlob kwalunkwe informazzjoni addizzjonali dwar ir-rapport annwali. Dik l-informazzjoni addizzjonali għandha tiġi pprovduta f'forma elettronika.

*Artikolu 3***Eżami mill-ġdid tar-rikonoxximent tal-pajjiżi terzi**

Fil-qafas tal-eżami mill-ġdid regolari tagħha tar-rikonoxximent tal-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 48(2) tar-Regolament (UE) 2018/848, il-Kummissjoni għandha tapplika r-regoli li ġejjin u temenda l-lista ta' pajjiżi terzi kif xieraq, skont l-Artikolu 48(3) ta' dak ir-Regolament:

- (a) il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe ħin temenda l-ispeċifikazzjonijiet fil-lista abbażi tal-informazzjoni riċevuta;
- (b) il-Kummissjoni tista' tissospendi l-entrata ta' pajjiżi terzi mil-lista abbażi tal-informazzjoni riċevuta, jew meta pajjiżi terzi ma jkunx ipprova biżżejjed informazzjoni meħtieġa jew inkella meta ma jkunx qabel biex isir eżami fuq il-post;
- (c) il-Kummissjoni għandha tissospendi l-entrata ta' pajjiżi terzi mil-lista meta, wara talba mill-Kummissjoni, il-pajjiżi terzi jonqos milli jieħu azzjoni xierqa u f'waqtha ta' rimedju f'perjodu li jrid jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni skont il-gravità tal-problema, li m'għandux ikun inqas minn 30 jum;
- (d) il-Kummissjoni għandha tneħħi l-entrata ta' pajjiżi terzi mil-lista meta:
  - (i) il-pajjiżi terzi ma jibgħatx fil-ħin ir-rapport annwali imsemmi fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament;
  - (ii) l-informazzjoni inkluża f'dak ir-rapport annwali ma tkunx kompluta;
  - (iii) wara talba mill-Kummissjoni f'perjodu li għandu jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni skont il-gravità tal-problema, li ma għandux ikun inqas minn 30 jum, il-pajjiżi terzi ma jħallix l-informazzjoni disponibbli jew ma jikkomunikax l-informazzjoni kollha relatata mad-dossier tekniku jew mas-sistema ta' kontroll tiegħu; jew
  - (iv) wara talba mill-Kummissjoni, il-pajjiżi terzi ma jaqbilx ma' eżami fuq il-post.

*Artikolu 4***Eżami mill-ġdid tar-rikonoxximent tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll**

1. Fil-qafas tal-eżami mill-ġdid regolari tagħha tar-rikonoxximent tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll skont l-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tapplika r-regoli li ġejjin u temenda l-lista tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll kif xieraq, skont l-Artikolu 57(2) tar-Regolament (UE) 2018/848:

- (a) il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe ħin temenda l-ispeċifikazzjonijiet relatati ma' awtorità ta' kontroll jew ma' korp ta' kontroll fil-lista abbażi tal-informazzjoni riċevuta;
- (b) il-Kummissjoni tista' tissospendi l-entrata ta' awtorità ta' kontroll jew ta' korp ta' kontroll mil-lista abbażi tal-informazzjoni riċevuta, meta l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll ma jipprovdix biżżejjed informazzjoni meħtieġa jew inkella għax ma jkunx qabel biex isir eżami fuq il-post;
- (c) il-Kummissjoni għandha tissospendi l-entrata ta' awtorità ta' kontroll jew ta' korp ta' kontroll mil-lista meta, wara talba mill-Kummissjoni, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll jonqos milli jieħu azzjoni xierqa u f'waqtha f'perjodu li m'għandux ikun inqas minn 30 jum u li għandu jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni skont il-gravità tal-problema;
- (d) il-Kummissjoni għandha tirtira l-entrata ta' awtorità ta' kontroll jew ta' korp ta' kontroll mil-lista meta:
  - (i) l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll ma jibgħatx fil-ħin ir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 2(2) ta' dan ir-Regolament;
  - (ii) l-informazzjoni inkluża fir-rapport annwali ma tkunx kompluta;
  - (iii) l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll ma jħallix disponibbli jew ma jikkomunikax l-informazzjoni kollha relatata mad-dossier tekniku jew mas-sistema ta' kontroll tiegħu;
  - (iv) l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll ma jħallix disponibbli l-informazzjoni dwar l-investigazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità;

- (v) l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll jonqos milli jieħu miżuri korrettivi adegwati b'reazzjoni għan-nuqqas ta' konformità u għall-ksur osservat;
- (vi) l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll ma jaqbilx ma' eżami fuq il-post mitlub mill-Kummissjoni, jew jekk eżami fuq il-post iwassal għal riżultat negattiv minħabba funzjonament ħażin sistematiku tal-miżuri ta' kontroll; jew
- (vii) fi kwalunkwe sitwazzjoni oħra, hemm ir-riskju li l-konsumatur jiġi imqarraq dwar in-natura vera tal-prodotti ċertifikati mill-awtorità ta' kontroll jew mill-korp ta' kontroll.

2. Qabel ma jseħħ il-ħruġ f'konformità mal-paragrafu 1(d), il-Kummissjoni għandha titlob lill-awtorità ta' kontroll jew lill-korp ta' kontroll biex jirrimedja s-sitwazzjonijiet imsemmija f'dak il-punt fi żmien perjodu li għandu jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni skont il-gravità tal-problema u li m'għandux ikun inqas minn 30 jum.

#### Artikolu 5

#### **Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

L-Artikoli 1 u 3 għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2026.

L-Artikoli 2 u 4 għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament għall-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2021.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN